MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Numru 1214/2006

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

versus

Romina Azzopardi
Annalies Bouvet
Marouska Azzopardi

Il-Qorti

1.Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Romina Azzopardi ta’ 18-il sena bint il-mejjet Jason u Georgina Farrugia mwielda Pieta’ nhar il-15 ta’ Ġunju 1988 residenti ġewwa 36 Fuq Verdala, Bormla u detentriċi tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0280288 (M)

Annalies Bouvet ta’ 17-il sena bint Geoffrey u Carmen nee Portelli mwielda Pieta’ nhar it-2 ta’ Lulju 1989 residenti ġewwa St. Rita No.10 Triq Manwel Dimech, Għaxaq u detentriċi tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0294189(M)

Marouska Azzopardi ta’ 14-il sena bint il-mejjet Jason u Georgina Farrugia mwielda Pieta nhar l-14 ta’ Lulju 1992 u residenti ġewwa 38, Fuq Verdala, Bormla u detentriċi tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0347492 (M)

2. Akkużati

1. talli nhar l-14 ta’ Novembru 2006 ġewwa l-Gżira, il-Hamrun, Birkirkara u ġewwa dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin minnhom fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b’riżoluzzjoni waħda

2. talli fl-14 ta’ Novembru, 2006 għall-ħabta tas-siegħa u ħames minuti ta’ wara nofs in-nhar (13.05) ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp il-Hamrun ikkommettew serq minn fuq il-persuna ta’ Philip Cachia ID 378882 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur;

3. U aktar talli fl-14 ta’ Novembru 2006, għall-ħabta tas-siegħa u għaxar minuti ta’ wara nofs in-nhar (13.10) ġewwa Triq Fleur de Lys Birkirkara ikkommettew serq minn fuq persuna ta’ Shume Taddeus ID 36306 A liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur;

4. U aktat talli fl-14 ta’ Novembru 2006 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta’ wara nofs in-nhar (13.30) ġewwa Triq l-Imsida Gżira kkommettew serq minn fuq il-persuna ta’ Keith Borg ID 561489 (M) liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġunaw ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Keith Borg hekk kif iċċertifikat minn Dr.Mark Camilleri M.D.

6. U aktat talli bejn Settembru u Ottubru 2006 ġewwa l-Marsa f’żewġ okkażjonijiet differenti kkomettew serq minn

fuq żewġ persuni differenti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur;

7. U aktar talli fl-14 ta' Novembru, 2006 u fil-ġranet ta' qabel xjentement xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt Lira Maltija meħud b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Romina Azzopardi weħidha

8. U aktar talli Romina Azzopardi weħida hija akkużata talli fl-14 ta' Novembru, 2006 f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer u f'ħinijeit differenti saqet vettura u cioe' Hyundai Excel bin-numru tar-Reġistrazzjoni KAH – 904 meta ma kellhiex liċenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport Malta kif ukoll talli ma kenitx koperta b'polza tas ssikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid ta' l-imputati li juru li Romina Azzopardi biss kellha tmintax-il sena fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni, il-fedini penali ta' l-imputati, it-tweġibiet tagħhom fl-interrogatorju fejn kollha wieġbu li huma ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom, rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, it-tweġibiet ta' l-imputati li ma kellhomx oġġezzjoni li l-proċeduri jkun sommarji, l-istqarrijiet ta' l-imputati, u l-current incident reports(Dok.D 24, Dok D 25, Dok D 26).

4. Semgħet lil Mary Rose Farrugia, Probation Officer, tiddeponi dwar il-progress ta' l-imputati kemm ilhom taħt is-sorveljanza tagħha fi tliet seduti differenti. Innutat li hemm l-imputati qed juru bidla sostanzjali fl-imġiba tagħhom.

Ikkonsidrat.

5. Li ġaladarba l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kontrihom, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi b'dan pero' li s-seba' imputazzjoni għandha titqies bħala alternativa għall-ewwel sitt imputazzjonijiet u bit-tmien imputazzjoni tgħodd fil-konfront ta' Romina Azzopardi biss.

6. Dwar l-aħħar imputazzjoni, ma hemm ebda dubju li l-imputata Romina Azzopardi ma kellhiex liċenzja tas-sewqan fi żmien meta seħħ dan ir-reat għax ammettiet dan ir-reat kif ukoll għaliex ammettiet li ma kellhiex liċenzja waqt l-istqarrija tagħha lill-Pulizija. L-artikolu 15(1)(a) jimponi multa għal dan ir-reat.

7. Dwar li l-imputata ma kenitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni d-difiża abbilment irreferiet għall-każ 'Il-Pulizija versus Angelo Scuderi' tat-3 ta' Novembru 2005, sentenza ta' l-Onor. Imħallef Dr.Joseph Galea Debono' fejn il-Qorti qalet hekk:

***'Illi minn din id-diċitura ta' dan l-artikolu (10(1) tal-Kap 104) kif emendat jidher li unda volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' għal dejn ċivili, din itġi riżarċita mill-assigurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi elenkati fis-subartikoli (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu d-dritt jannulla jew iħassar il-polza, għaliex, per eżempju, id-driver ma jkollux liċenzja. Imma hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova li ma m jkunx hemm din il-kopertura minħabba xi ċirkostanza indikata fis-subartikolu (2)u (3) u sakemm din lil-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-preżunzjoni li hem mil-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-liġi fis-subartikolu (1) fuq ċitat.'***

8. Iżda l-Qorti tirravviża differenza bejn il-każ ċitat u dak odjern. Fil-każ odjern saret ammissjoni u allura ma jinkombi xejn fuq il-Prosekuzzjoni li jkollha x'tipprova. Għaldaqstant, fil-każ odjern il-Qorti ma tistax issegwi dan l-insenjament għaliex ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar il-provi u ser tapplika l-piena kontemplata fil-Liġi.

9. Jirriżulta wkoll mill-Fedina Penali li l-imputata kienet instabet ħatja ta' l-istess reat.

**Fil-konfront ta' Annalies Bouvet u Marouska Azzopardi**

10. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li fil-konfront ta' Annalies Bouvet u Marouska Azzopardi rat l-artikoli 17(b), 18, 37, 221(3)(b), 261(a)(c), 262, 267, 279(a), 280(2) u 334 tal-Kap 9 issib lill-imputati ħatjin ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontriehom b'dan pero' li, peress li s-seba' imputazzjoni hija alternattiva għas-sitt imputazzjonijiet ta' qabel il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha. Il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha u d-depożizzjoni tal-Probation Officer, flok tikkundannahom qed tpoġġihom taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 7 tal-Kap 446 lill-imputati fi kliem sempliċi.

**Fil-konfront ta' Romina Azzopardi**

11. Għaldaqstant il-Qorti, wara li fil-konfront ta' Romina Azzopardi, rat l-artikoli 17(b), 18, 221(3)(b), 261(a)(c), 262, 267, 279(a), 280(2) u 334 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 15(1)(a) (3) tal-Kap 65 u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha b'dan pero' li, peress li s-seba' imputazzjoni hija alternattiva għas-sitt imputazzjonijiet ta' qabel il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha.

12. Dwar il-piena l-Qorti qed tiddisponi kif ġej:

(a) Għar-reati skond l-artikoli 18, 221(3)(b), 261(a)(c), 262, 267, 279(a), 280(2) il-Qorti, flok tikkundanna lill-imputata qed tpoġġiha taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal tliet snin mil-lum.

(b) Dwar il-ksur ta' l-artikoli 15(1)(a) (3) tal-Kap 65 u l-artikolu 3(1)(2)(b) tal-Kap 104, stante li
(a) il-Liġi ma tippermittix lill-ġudikant li japplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 u l-Kap 446,

(b) stante li dawn ir-reati twettqu meta l-imputata kellha diġa’ tmintax-il sena,
(ċ) li din kienet it-tieni darba li twettaq dan ir-reat,

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9 wkoll, qed tikkundanna lill-imputata tħallas is-somma ta’ Lm2,020 (elfejn u għoxrin lira Maltija) liema multa tista’ titħallas b’rata ta’ mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar bl-ewwel pagament isir erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk il-multa ma titħallasx din tinbidel f’sitt(6) xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------